MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 244/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur C. Abdilla)**
**Vs**
**Francis Xavier Borg**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi w li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda talli f'dawn l-ahhar xhur immedjatament wara t-18 ta' Marzu, 2004 u fl-istess data :**
**1) zamm jew haddem jew ippermetta li tithaddem attivita' kummercjali u cioe manifattura ta' doughnuts/helu fil-fond "Dolceria Siciliana" sitwata fi Triq San Frangisk, San Gwann, minghajr licenzja ta' l-Awtorita' kompetenti;**

**2) minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti fetah, jew zamm hanut tax-xoghol, jew haddem u/jew ippermetta li tinhadem arti jew sengha, (Dolceria) li jistghu jdejqu lill-girien, jew li jistghu jkunu kagun ta' rwejjah li jaghmlu hsara lis-sahha, jew zamm hwejjeg li jikkagunaw fwar, ghabra jew irwejjah li jaghmlu deni, jew li jaghtu fastidju;**
**3) talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku;**
**4) talli fl-ahhar xhur, hinijiet, (bil-lejl), lok u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor;**
**5) aktar bi ksur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li hu kien misjub hati ghal reati simili, u mehlus b'kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor .**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru, 2004, li biha wara li rat l-artikolu 338(gg), 338(ee) u 338(m) u 49 u 50 tal-Kap. 9, rat il-Kap. 446 kif ukoll l-artikolu 17(c) tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-piena ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin Lira Maltin (LM25) ghal kull wahda mill-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w stante li l-imputat kiser palezement il-kondizzjonijiet fuqu mposti permezz tas-sentenza ta' dik il-Qorti diversament preseduta datata 17 ta' Marzu, 2004, bidlet l-istess fil-piena ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin Lira Maltin (LM25) ghal kull wahda mit-tlett imputazzjonijiet hemm dedotti.
Rat l-Artikolu 14 tal-Kap. 9 u ordnat li l-ammendi nflitti jithallsu immedjetament u, fin-nuqqas, huma jigu konvertiti f'detenzjoni bir-rata ta' hames Liri Maltin (LM5) kull jum.
Rat ukoll l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 u ordnat lill-imputat biex inehhi l-inkonvenjent li bih sar ir-reat fi zmien xaghrejn (2) mil-lum taht penali ta' ghaxar Liri Maltin (LM10) kull jum.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1 . illi dwar l-ewwel akkuza, l-artikolu 338 (gg) citat fis-sentenza appellata ma kienx applikabbli ghall-kaz odjern. U f' kull kaz il-fond fil-2004 kien debitament licenzjat bhala *confectionery* u ghall-*catering*. 2. Dwar it-tieni akkuza, kien kontradittorju li jekk l-appellant ma kellux licenzja, jigi akkuzat bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja . Ghalhekk din l-akkuza ma kienetx treggi legalment. Inoltre l-Ewwel Qorti skartat l-akkuza kif redatta tajjeb jew hazin ghab-bazi tat-Tieni Skeda ta' l-Avviz Legali 102/2002 u minnflok fittxet artikolu estraneju u sabet htija tahtu i.e. l-art. 338(gg) liema artikolu lanqas kien applikabbli ghall-kaz odjern billi hawn l-appellant kien akkuzat li zamm attivita' kummercjali minghajr licenzja u li kkagunaw jew setghu jikkagunaw inkonvenjent , mentri l-artikolu jipotizza biss il-kaz ta' attivita' kummercjali li tigi gestita minghajr licenzja . F' kull kaz, jekk il-Qorti tippermetti l-esebizzjoni tal-licenzja fl-istadju tal-appell, dan l-artikolu 338 (gg) mhux applikabbli ghar-raguni li l-fond in kwistjoni kien debitament licenzjat bhala *confectionery* u ghall-*catering*. 3. Dwar it-tielet akkuza jinghid li quddiem l-Ewwel Qorti ma ngiebet l-ebda prova illi l-appellant kien inghata xi ordni legittima minn ufficjal inkarikat minn servizz pubbliku w li hu kien irrifjuta li jobdi din l-ordni. 4. Illi mill-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti ma setghetx tasal legalment u ragonevolment ghall-konkluzzjoni tal-htija dwar ir-raba' akkuza . Di fatti hu kien gie liberat minn akkuza simili b' sentenza precedenti. 5. Illi dwar il-hames addebitu, l-Qorti ghamlet riferenza ghall-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 , umbaghad il-Qorti rriferiet ghall-Kapitolu 446 meta giet biex tapplika l-piena dwar din l-akkuza u ttrattat mieghu ghar-reati li dwarhom kienet saret l-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata. L-ewwel Qorti qatt ma setghet tekwipara r-recidiva li dwarha ukoll ma kien hemm ebda akkuza ma ksur ta' *conditional discharge* u f' kull kaz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta' Marzu, 2004, ma setghet qatt**

**titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet tar-recidiva.**

**Rat ir-rikors tal-appellant tat-18 ta' Novembru, 2004 li bih talab li din il-Qorti tawtorizzah sabiex jipproduci d-dokument tat-Trade Licencing Unit dwar il-fond imsemmi liema dokument gie f' idejh biss fis-16 ta' Novembru, 2004 ;**

**Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-23 ta' Novembru, 2004, li biha ddikjara li ma kellux oggezzjoni ghat-talba;**

**Rat id-Digriet taghha tal-24 ta' Novembru, 2004 li bih laqghet it-talba tal-appellant ghall-produzzjoni ta' dan id-dokument gdid , wara li rat l-artikolu 424(a) tal-Kap.9;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2005;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tal-Avukat Dottor Robert Abela ghall-appellant li bih iddikjara li ma kienx qed jinsisti fuq l-aggravju tieghu li jikkoncerna t-tielet u r-raba' akkuza.**

**Rat in-Nota tal-appellant tas-17 ta' Marzu, 2005, minnu prezentata ghat-tenur tal-verbal tal-10 ta' Marzu, 2005;**

**Rat illi da parti tal-Prosekuzzjoni ma giet prezentata ebda risposta entro t-terminu preskritt fl-istess verbal;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-provi mismugha quddiem din il-Qorti jistghu jigu riassunti hekk :-**

**Illi s-**SUPRATENDENT BARTOLOMEO MULA **xehed li hu ilu stazzjonat San Giljan minn Novembru, 2003 u li wahda mill-problemi li kien sab f' dad-distrett kienet**

**precizament din tad-Dolceria Siciliana. Beda biex qal li fis-17 ta' Marzu, 2004 kienet giet deciza kawza li kien ilha ghaddejja quddiem il-Magistrat Demicoli u fejn l-appellant odjern kien gie mehlus taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar. B'dana kollu xorta wahda baqghu dehlin il-*complaints* wara did-data. Wara xi jiem li kienet inqatghet dik il-kawza hu kien kellem lill-appellant u qallu biex l-ewwel nett jissana l-affarijiet dwar il-licenzja tieghu ghax sa dak iz-zmien kien ghad ma kellu xejn f'ismu w, barra minn hekk, biex kif ikun munit b' licenzja w igiblu kopja taghha. Sa' meta xehed fl-10 ta' Marzu, 2005, ma kien gablu ebda licenzja l-appellant. Peress umbaghad li kienu baqghu dehlin il-*complaints* kif qal, f' Awwissu, 2004 kienu regghu hargu l-akkuza odjerna b' zieda li l-appellant kien ukoll kiser il-kondizzjoni tal-probation.**

Mistoqsi dwar id-dokument esebit fil-mori tal-appell , ix-xhud qal li dik il-licenzja kienet f' isem Gaetano Costa li probabbilment kien il-persuna li kien qed jiggestixxi n-negozju li kien hemm qabel u li issa wella lill-appellant . Id-dokument kien jillicenzja *"catering and confectionery"* u ma hemmx imnizzla kondizzjonijiet specjali. Fil-fatt hu w s-subalterni tieghu kienu qed jitolbu lit-Trade Department biex jghidulhom x' kondizzjonijiet ghandhom f' kazijiet bhal dawn u allura l-licenzja trid terga' tmur it-Trade Department . Meta umbaghad hu jkollu din l-informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tal-licenzja , hu jkun jista' jaggusta ruhu skond ic-cirkostanzi. Pero' f' kull kaz il-licenzja esebita ma nhargitx fuq isem l-appellant. Sa fejn jaf hu l-licenzja hija personali u ma tohrogx fuq il-fond.Meta rega ssejjah biex jixhed fl-istess udjenza, s-Supratendent Mula xehed li hu kien ordna lill-appellant biex jieqaf mill-inkonvenjent u ma jkomplix idejjaq nies izjed u biex igib licenzja fuq ismu.

**CHARLES MUSCAT** xehed li mill-1 ta' Mejju , 2002 il-licenzji li qabel kienu f' idejn il-Pulizija, gew kollha f'idejn awtoritajiet differenti. Dawk li jikkoncernaw *retail* u *wholesale* gew mat-*Trade Licencing Unit.* Gharaf il-

licenzja esebita mill-appellant bhala wahda mahruga mid-Dipartiument fejn hu impjegat u qal li din tghajjat lil Gaetano Costa , ID Card numru 48695M u mhux suppost li dik il-licenzja ihaddimha xi hadd iehor. Ma hemmx licenzja fuq l-appellant mir-ricerki li hu kien ghamel. B' din il-licenzja kieku kienet fuq isem l-appellant seta' jahdem u ma kellux bzonn jirrikorri ghand xi awtorita' ohra . Huma ma jimponux kondizzjonijiet fil-licenzja. Id-Dipartiment taghhom pero' ma kienx inghata il-files li kien hemm ghand il-Pulizija dwar il-licenzji .

Il-**P.L. LOUISA TUFIGNO** xehdet li *confectioneries* ma jaqghux taht il-*Malta Tourism Authority* ghall-licenzja.

L-addett tal-MEPA **HERBERT CINI** xehed li kien hareg permess fuq is-*site* u dan jispecifika certu makkinarju li jrid ikun hemm fuq il-post. Meta hu w s-superjuri tieghu kienu ghamlu *inspection* fuq il-post kienu sabu apparat iehor li ma kienx inkluz fil-permess . Mhux suppost li kellu *"fryer*" . Il-permess tal-MEPA johrog subject li hu jkollu l-permess tat-Trade . Il-permess tal-MEPA ma johrogx fuq persuna imma fuq is-*site* u kien inhareg fit-12 t' April,1996 fuq applikazzjoni ta' Gaetano Costa. Hu kien mar diversi drabi wara Marzu, 2004 u gieli ma fethilhom hadd u sahansitra fis-26 ta' Jannar, 2005, id-Direct Action Team tal-MEPA issigillat il-makkinarju li mhux suppost li kien qed jintuza w cioe' l-french stick moder, il-*fryer u mincer*. Il-MEPA kellha *complaints* minnghand il-girien dwar irwejjah u storbju.

**GEORGE BONNICI** xehed li joqghod fuq il-fond in kwistjoni u l-appellant kellu magni jaghtu lejl u nhar u diversi drabi kellhom icemplu lill-Pulizija biex ikunu jistghu jorqdu ghax il-magni ma jhalluhomx jorqdu . Umbaghad ikun hemm irewjjah ta' helu u *doughnuts twenty-four hours a day, seven days a week*. Ibiegh mal-lejl u allura jkun hemm tisbit ta' karozzi w magni. Meta hu kien mar joqghod hemm xi ghaxar snin ilu, tahtu ma kien hemm hadd. Issa s-sitwazzjoni aggravat mill-ahhar kawza 'l hawn ghax l-appellant issa ttrasferixxa l-magni fil-garage l-iehor li qed juza w li jigi taht ix-xhud u li hu garage normali

u mhux suppost li jintuza ghal skopijiet kummercjali. Dawn il-magni tpoggew fuq gewwa biex meta jigu l-Pulizija ma jismghuhomx minn barra w mal-gurnata jaghalqu l-bibien , jaghmlu li jridu w ma jifthu lil hadd la lil Pulizija w lanqas lil tal-MEPA .

**MARICA BAYLISS** xehdet li toqghod ftit il fuq mid-dolceria xi hames bibien il fuq . Bil-lejl ikun hemm inkonvenjent konsistenti fi storbju ta' karozzi , nies li jigu jixtru jghajjtu, hmieg li jhalli warajh dak li jigi jixtri . Ma ghandhomx hin u jista' jkunu s-2 jew 4 am. Barra minnhekk l-appellant jingombra t-triq bil-van tieghu u allura jkun hemm tpaqpieq biex jghaddi haddiehor partikolarment tal-halib li jigi kmieni filghodu u ma jkunx jista' jghaddi w jaghmel storbju shih bit-tpaqpieq. Ir-riha kontinwa ta' qali ta' zejt bil-lejl u bin-nhar iddejjqek ukoll. Ghalkemm naqset dan l-ahhar ghax fix-xitwa joqghodu bil-maghluq fuq barra xxommha.

**CHRIS MICALLEF** xehed li jdejjqu l-fatt li jigu jixtru n-nies minn filghaxija sa filghodu . Hu joqghod faccata ezatt tal-fond in kwistjoni, harira 'l fuq. Ikun hemm storbju u riha ta' *doughnuts*, skond ir-rih. Hsejjes ta' magni ma nnutax pero'.

**DAVID MIFSUD** xehed li hu joqghod direttament fuq il-hanut u jdejjquh l-irwejjah ta' zjut u *doughnut*s , il-hsejjes tal-magni umbaghad il-hsejjes tal-karozzi li jigu jixtru. Ippruvaw jirrangaw mall-appellant ghall-bidu li kien fetah fis-sena 2000 imma ghal xejn u baqa' ghaddej kif kien sal-jum ta' qabel ma kien qed jixhed quddiem din il-Qorti. Dan sitt darbiet fil-gimgha. Qabel l-appellant kien hemm certu Costa li kien jahdem hinijiet normali w ma kienx idejjaqhom bil-magni lanqas u allura ma kellhomx ilmenti dwaru. Kien qed idejjqu l-istorbju tal-magni bil-lejl u l-irwejjah *24 hours*.

**L-APPELLANT FRANCIS XAVIER BORG** xehed li l-licenzja mhux fuq ismu ghax qabel kienu jmorru l-ghassa hu u minn beghlu , jiffirmaw u jdur fuq ismu . Issa llum hemm hafna dipartimenti . Hu applika darbtejn biex idur fuqu u ma daritx ghax issa waslu f' tal-Food Safety.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx li la m'ghandux licenzja fuq ismu, mhux suppost li jopera, xehed li le ghax hadd ma qallu. It-Trade kienu jafu li l-post qed ihaddmu hu w kienu qalulu li jista' jhallsu hu l-permess ghax il-permess kien qed idur.

Xehed li sa nofs il-lejl jitilqu l-haddiema w bil-lejl ma jhaddimx magni hu. Bil-lejl bezzun bil-krema kemm timlieh bil-krema jew taghmel l-*icing sugar* fuq id-*doughnuts* u tagmillhom il-*jam* u tissortjhom. Ix-xoghol tal-magni jibda fl-4.30 pm u tieqaf f' xil-10.30 pm l-ahhar magna. Ma jaghmlux storbju l-magni . Per ezempju l-forn jahdem bil-gass u bil-kemm tisimghu. Il-*prover* fejn iddahhal ix-xoghol u jikber dan issa issigillawh. Kellu *mixer* tal-krema. Tal-bziezen kull forn ghandu w ma jafx liema wahda taghmel storbju . Il-*fryer* ma jaghmilx storbju . Id-*deliveries* jibdew f' nofs il-lejl.

Ikkonsidrat;

Illi in vista tal-fatt li l-appellant permezz tad-difensur tieghu ma kienx qed jinsisti fuq l-aggravji tieghu dwar it-tielet u r-raba akkuzi w in vista tal-fatt li f' kull kaz , mix-xhieda mismugha quddiem din il-Qorti, dawn l-akkuzi jirrizultaw pruvati b' mod skjaccannti , din il-Qorti ser tittratta hawn taht "seriatim" l-aggravji dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni w dak li jirrigwarda l-hames addebitu .

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju hu li l-artikolu 338 (gg) tal-Kap.9 citat mill-Ewwel Qorti bhala dak li tahtu sabet htija ma kienx applikabbli.

Illi skond l-Att tal-2001 dwar il-Licenzji tal-Kummerc li beda jsehh fit-2 ta' Mejju, 2002 , il-materja tal-licenzjar ta' attivitajiet kummercjali hija regolata mill-istess Att li fl-artikolu 13 jiddisponi li hadd ma jista' jiftah jew izomm xi post kummercjali kemm il-darba ma jkunx id-detentur dwar xi tali post ta' licenzja mill-awtorita' regolatorja. Dan jista' jkun mehtieg li jkollu l-kwalifiki li jistghu ikunu preskritti biex jiggestixxi dik l-attivita' mehtiega . L-artikolu

29 jippreskrivi l-pieni ghall-persuni li jiksru xi dispozizzjonijiet tal-Att . L-art. 30 jipprovdi ghall-proceduri specjali li tista' taghmel l-awtorita' regolatorja u l-art. 31 jaghti lil-Qrati s-sahha li jhassru jew jissospendu l-licenzja ta' dak li jkun.

Din il-materja hija wkoll regolata mir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Licenzja tal-Kummerc (A.L.102 tal-2002), promulgati in forza tal-istess Att u li dahlu in vigore fit-2 ta' Mejju, 2002. Dawn ir-Regolamenti joholqu s-"Sezzjoni Licenzji tal-Kummerc", (Trade Licencing Unit) fid-Direttorat ghas-Servizzi tal-Kummerc tad-Divizjoni tal-Kummerc li hija responsabbli ghall-licenzjar dwar affarijiet tal-kummerc . Ir-Regolament 5 tal-istess Regolamenti jiddisponi li **kull min** ikun jikkwalifika biex jiggestixxi attijiet tal-kummerc u **jitlob biex jiggestixxi** attivita' kummercjali minn xi post kummercjali , ghandu jaghmel applikazzjoni ghaldaqshekk fuq il-formola preskritta . Din l-applikazzjoni tista' ssir f' **isem ta' individwu** jew **f' isem ta' individwu li jidher ghal socjeta' jew kumpanija kummercjali**. L-applikazzjoni ghandha ukoll issemmi l-individwu li jkun effettivament responsabbli ghat-tmexxija tal-post kummercjali meta t-tmexxija effettiva ghandha ssir minn individwu li ma jkunx id-detentur tal-licenzja. (Reg. 6). Ir-Regolament 14 umbaghad jiddisponi li **l-licenzja tinhareg f' isem individwu personalment** jew f' isem socjeta' jew kumpanija kummercjali.(emfasi tal-Qorti). Il-Licenzja tinhareg u tkun soggetta ghall-kondizzjonijiet li japplikaw kif inhuma mnizzla fit-tieni Skeda tal-istess Regolamenti (Reg. 14). Ir-Regolament 18 umbaghad jipprovdi ghall-procedura ta' trasferiment ta' licenzji u jghid li meta **detentur tal-licenzja** jitlob li jsir it-trasferiment tal-licenzja dwar post kummercjali lil **xi persuna ohra**, **id-detentur u l-persuna l-ohra** ghandhom jipprezentaw dikjarazzjoni fuq il-formola addatta iffirmata miz-zewg partijiet. (emfasi tal-Qorti) . It-Tieni Skeda umbaghad telenka kondizzjonijiet generali li ghandhom japplikaw ghall-postijiet kummercjali kollha, fosthom li l-attivita' kummercjali m'ghandhiex tkun ta' sikkatura ghan-nies ta' madwar , u m'ghandhiex tkun titfa' rwejjah hziena, dhahen fwar, gassijiet jew inkellha johrog minnha rwejjah nocivi jew li jreghxu fl-atmosfera li jistghu jhassru jew

jipperikolaw is-sahha jew jikkagunaw sikkatura bil-hoss taghhom (para. 02). Inoltre l-Iskeda tistipula li m'ghandu jsir ebda hoss bil-martellar jew bl-uzu tal-makkinarju jew mezzi ohra minn xi post kummercjali li jkun jinsab f' area urbana bejn is-1 p.m. u l-4 p.m. ta' l-istess jum u s-7 p.m. u s-7 a.m. tal-gurnata tal-ghada. (Para. 09).

Issa f'dan il-kaz, kuntrarjament ghal dak li jsir is-soltu , l-Prosekuzzjoni ma ndikatx fil-komparixxi li tintbaghat lill-Qorti, l-artikoli tal-Ligi w r-Regolamenti li tkun tallega li gew miksura mill-imputat . Meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, l-Ewwel Qorti ccitat l-artikolu 338 (gg) tal-Kodici Kriminali u cioe' dik li tirrendi persuna hatja ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku meta, **minn barra mill-kazijiet imsemmijin espressament** f' dan il-Kodici **jew f' xi ligi ohra**, (emfasi tal-Qorti) jaghmel xi haga minghajr licenzja ta' l-awtorita' kompetenti , meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita' kompetenti skond il-ligi.

Din id-dispozizzjoni pjuttost enigmatika fid-dicitura taghha jekk mhux addirittura "*self contradictory*" jidher li tirriferi ghal xi agir li ma jkunx kopert mill-Kodici Kriminali jew minn xi ligi ohra. Imma kif gja intqal dan l-agir tal-appellant kien regolat mill-Kap. 441 u r-Regolamenti li jaqghu tahtu w ghalhekk din il-Qorti tara li l-appellant ma kellux jinstab hati skond din id-dispozizzjoni imma, se mai, skond l-artikoli 13 u 29 tal-Kap.441.

Ghalhekk in vista tal-fatt li proprju din il-materja hija regolata minn din il-ligi specjali, l-Ewwel Qorti ma kellhiex issib htija taht din il-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338 (gg) ghaliex ir-reat addebitat lill-appellant kien jaqa' taht id-dispozizzjoni tal-artikoli fuq imsemmija tal-Kap. 441.

Ikkonsidrat;

Pero' il-konsegwenza ta' din l-izvista tal-Ewwel Qorti ma tkunx il-liberazzjoni tal-appellant izda l-annullament tas-sentenza appellata w d-decizjoni mill-gdid tal-kawza fuq il-

mertu minn din il-Qorti . Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appelli Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**" (per Degaetano J. [13.1.1995]) ; **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995]; "**Il-Pulizija vs. George Camilleri**" [16.6.1995] u ohrajn) :-

*"L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jghid li s-sentenza ghandha jkun fiha l-artikoli tal-ligi li jikkontempla r-reat "* u " *n-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provvdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali u f' kaz li l-Qorti tal-Appell Kriminali , b'applikazzjoni ta' l-artikolu 428 (3) thassar is-sentenza appellata u tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu , ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) ta' l-imsemmi artikolu."* u "*L-indikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun instabet hatja gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali."*

Ghalhekk, ladarba kif intqal, jidher car li l-Ewwel Qorti ccitat artikolu tal-ligi zbaljat fis-sentenza appellata din il-Qorti trid tannulla s-sentenza appellata w tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu w, jekk tirrizulta l-htija skond il-ligi applikabbli , tapplika s-sanzjoni hemm preskritta anki jekk din tkun aktar gravi minn dik moghtija mill-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

Issa fil-kaz in ezami , jirrizulta abbondantement mill-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti li bejn it-18 ta' Marzu, 2004 , cioe' l-ghada li nghatat l-ewwel sentenza fil-konfront tal-appellant u meta harget ic-citazzjoni fl-4 t' Awwissu, 2004, l-appellant baqa' jezercita attivita' kummercjali fil-fond Dolceria Siciliana u li la l-appellant u lanqas il-post fejn qed jezercita l-mestier u n-negozju tieghu ma kellhom licenzja ghal dan l-iskop. Veru li mid-dokument A esebit mill-appellant bil-permess ta' din il-Qorti fil-mori tal-appell (fol. 34) jidher li fis-16 ta' Novembru, 2004, It-Trade Licencing Unit harget Trade Department Certificate, fejn tghid li l-persuna "licenzjat" hu

“**GAETANO COSTA (48659M)”** , “numru tal-VAT 11405003” u “Post Licenzjat : Dolceria Siciliana , Triq San Frangisk, San Gwann” u li dad-dokument jghid ukoll li l-“licenzja valida minn 01/01/2004”… “ sa 31/12/04” u ghalhekk jidher li It-Trade Licencing Unit harget din il-licenzja b’ mod retroattiv u b’ mod li tkopri l-periodu relattiv u kopert bl-ewwel imputazzjoni, pero’ dan **dejjem fir-rigward ta’ Gaetano Costa, li mhux l-appellant odjern**.

Illi skond ix-xhieda tal-addett tad-Dipartiment koncernat pero’ il-licenzja tohrog fuq il-persuna w mhux fuq il-post u li mhux suppost li l-licenzja jhaddimha haddiehor. Apparti l-prassi dipartimentali , din il-Qorti tifhem li hekk ghandha tigi interpretata l-ligi kif fuq riprodotta w emfasizzata , ghaliex meta tinghata licenzja skond il-Kap.441 u r-Regolamenti fuq citati, **din tinghata lill-persuna** li tkun legalment responsabbli ghaliha w li tezercita s-sengha, l-arti, mestier jew professjoni skond il-ligi w skond il-kondizzjonijiet tal-licenzja w mhux lil xi fond inanimat li m’ghandux personalita’ guridika fizika jew morali.

Illi fin-nota tieghu l-appellant iccita s-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta **“Il-Pulizija vs. Roger de Giorgio”** [5.7.1984] in sostenn ghat-tezi tieghu li huwa l-fond li jkun licenzjat u ma hemmx ghalfejn li dan ikun licenzjat f’ isem min attwalment ikun qed joperah. Pero’ fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jistax jigi estrapolat principju generali minn dik is-sentenza. Dan ghaliex f’ dak il-kaz si trattava ta’ interpretazzjoni ta’ ligi differenti minn dik li hija in vigore u applikabbli ghal dan il-kaz u cioe’ l-Kap.441 fuq imsemmi w r-Regolamenti li jaqghu tahtu.Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-kaz citat ma jagevolax lill-appellant odjern. Hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-licenzja mahruga fuq persuna li manifestament mhux il-persuna li qed tmexxi n-negozju in kwistjoni mhux biss ma tkoprix lill-appellant izda tikkostitwixxi sahansitra abbuz mis-sistemi tal-licenzji da parti tal-appellant, li konsapevoli mill-fatt li Gaetano Costa ma kellu x’ jaqsam xejn aktar mall-fond de quo, mar ihallas il-licenzja fuq ismu qiesu ma gara xejn. Umbaghad mix-xhieda tal-appellant stess irrizulta li sal-lum il-licenzja ghadha ma daritx fuq ismu ghax ghadhom ghaddejjin il-proceduri dipartimentali li waslu fl-istadju ta’

"*food safety*" . Ghalhekk l-appellant *ex admissis* hu konsapevoli mill-fatt li l-licenzja trid tghajjat lilu ghax kieku ma applikax biex idawwar il-licenzja fuqu. Din pero' ma ddurx b' kapricc jew b' mod **"optional"** ghal min jithajjar jaghmilha, imma ddur ghax hekk suppost skond il-ligi w sakemm iddur, dak li jkun, ikun qed jopera bla licenzja.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel imputazzjoni bhala fatt hija ampjament pruvata w taqa' taht id-dispozizzjoni tal-Kap. 441 u precizament l-artikolu 13 tal-istess Kapitolu. Ergo l-aggravju tal-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni qed jigi respint in kwantu hu qed jirritjeni li l-appellant kien gie kopert minn licenzja mahruga retroattivament u milqugh in parte biss in kwantu li l-artikolu tal-ligi li tahtu l-Ewwel Qorti sabet htija gie citat hazin , b' dana pero' li dan ma jwassalx ghall-liberazzjoni tal-appellant imma biex din il-Qorti tiddeciedi dwar il-mertu mill-gdid.

Illi ovvjament kemm jekk l-art. 338 (gg) citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza kien ukoll intiz li japplika ukoll ghat-tieni imputazzjoni kif ukoll jekk l-Ewwel Qorti, b'riferenza ghal din l-imputazzjoni , ma ccitat ebda artikolu li tahtu sabet htija, japplika l-istess ragunament fuq espost u dan in-nuqqas igib ghan-nullita' tas-sentenza appellata w d-decizjoni mill-gdid dwar il-mertu minn din il-Qorti.

Illi huwa ovvju li t-tieni imputazzjoni ma jidhirx li hija koperta bl-artikolu 338(gg), ghaliex dan imkien ma jsemnmi l-element li l-ezercizju tal-hanut tax-xoghol jew arti w sengha b'mod li jkunu *"jistghu idejjqu lill-girien jew li jistghu ikunu kagun ta' rwejjah li jaghmlu hsara lis-sahha , jew li jikkagunaw fwar , ghabra jew irewjjah li jaghmlu deni jew li jaghtu fastidju"* . Ma gie citat ebda artikolu iehor mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li jista' b' xi mod ikun rilevanti jew attinenti ghal din l-akkuza, kif redatta . Ghalhekk l-appellant ghandu ragun jissottometti li din il-kontravvenzjoniu mhux applikabbli ghall-kaz u, in difett ta' xi citazzjoni ta' xi artikolu iehor applikabbli li tahtu nstabet htija, dan ukoll igib in-nullita tas-sentenza appellata ghall-istess raguni w din il-Qorti ghalhekk hija mehtiega bil-ligi li

thassar is-sentenza u li tiddeciedi mill-gdid dwar il-mertu skond l-art. 428 (3) tal-Kap.9.

Ikkonsidrat :

Illi ghalkemm mix-xhieda mismugha minn din il-Qorti hu assodat li l-appellant tul il-periodu msemmi fic-citazzjoni zamm hanut tax-xoghol jew haddem jew ippermetta li tinhadem arti w sengha (dolceria) li jistghu jdejjqu l-girien , jew li jistghu jkunu kagun ta’ rwejjah li jaghmlu hsara , jew zamm hwejjeg li jikkagunaw fwar jew irwejjah li jaghtu fastidju w ghalkemm  il-ligi li setghet talvolta tkun inkisret b’ tali agir mhux dik li setghet giet citata erronjament mill-Ewwel Qorti imma se mai r-Regolament 14(2) tal-Avviz Legali 102 tal-2002 u l-paragrafi 02.1,3 4 u 0.9 tat-Tieni Skeda tal-istess Avviz Legali, peress li  dan ir-Regolament jippreskriv li “…**licenzja mahruga** taht dawn ir-regolamenti ghandha tkun soggetta ghall-kondizzjonijiet li japplikaw kif inhuma mnizzla fit-Tieni skeda li tinsab ma dawn ir-Regolamenti”, ma jidhirx li tista’ tinstab htija skond dan ir-Regolament . Dan ghaliex, fil-kaz in ezami , kif gja gie deciz fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni , l-appellant fil-periodu in kwistjoni ma kellux licenzja . Konsegwentement kif issottometta l-appellant fl-aggravji tieghu ,ma jistax jinsab hati li hu kiser il-kondizzjonijiet tal-licenzja , una volta li licenzja ma kellux. Ghalhekk huwa ovvju li din l-imputazzjoni jew inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni , f’ kaz li kellu jirrizulta li l-appellant kellu licenzja li tkoprieh jew inkella nghatat bi zball. Ghalhekk taht dawn l-aspetti l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta’ htija skond it-tieni imputazzjoni jidhru fondati.

Illi dwar l-ahhar aggravju li jirrigwarda l-piena, in vista tal-fatt li s-sentenza appellata qed tigi annullata kif fuq intqal, din il-Qorti ser tipprovdi mill-gdid fuq il-piena  u ghalhekk ikun inutli li tinvesti dan l-aggravju hlief ghall-osservazzjoni w provvedimenti li ser taghmel hawn taht .

Illi hu assodat li fis-17 ta’ Marzu, 2004, l-appellant odjern kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ zewg imputazzjonijiet w dik il-Qorti applikat l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta

billi lliberat lill-hati bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-periodu ta' tmintax il-xahar.

Illi ma hemmx dubju li r-reati taht l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjoni fil-kawza odjerna gew kommessi f' dan il-periodu w li l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tittratta mall-appellant ghar-reati li taghhom kien instab hati fis-sentenza tas-17 ta' Marzu, 2004. Pero' kif jidher minn dik l-istess sentenza, l-appellant odjern **kien instab hati biss ta' zewg imputazzjonijiet** u kien gie liberat mit-tielet imputazzjoni w ghalhekk l-Ewwel Qorti f' dan il-kaz kellha tittratta mieghu ghall-htija ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet biss u mhux tlieta, kif del resto issa ser jigi provvdut pero' fil-mod u procedura delineata fl-artikolu 23 (1) (b) tal-Kap.446, stante li din il-Qorti li qed tiddeciedi l-mertu mill-gdid hija <u>differenti</u> mill-Qorti li ghamlet l-ordni tal-liberazzjoni kondizzjonata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell b' dan il-mod. Fl-ewwel lok qed tannulla s-sentenza appellata minnhabba l-fatt li fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet ma gewx citati l-artikolu jew artikoli tal-ligi li tahthom instabet htija . Fit-tieni lok qed tiddeciedi mill-gdid il-kawza fil-mertu billi ma ssibx lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni w minnha tilliberah; issib lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba imputazzjoni w tal-addebitu li kien kiser il-kondizzjonijiet tal-liberazzjoni kondizzjonata maghmula skond l-artikolu 22 tal-Kap.446 bis-sentenza tas-17 ta' Marzu, 2004, u wara li rat l-artikoli 13 u 29(a) u ( c ) tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 338 (ee) u (m), 377 (3) u 17(d) tal-Kap.9 u l-artikolu 23 (1) (b) tal-Kap.446, tikkundannah ghall-ammenda ta' hamsin lira Maltin (LM50) ghall-ewwel imputazzjoni, ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ghat-tielet imputazzjoni w ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ghar-raba imputazzjoni w tordna li l-ammendi jithallsu immedjetament u fin-nuqqas jigu konvertiti f'detenzjoni bir-rata ta' hames liri Maltin (LM5) kulljum kif ukoll tordna lill-appellant biex inehhi l-inkonvenjent li bih saru r-reati fi zmien gimgha mil-lum taht penali ta' ghaxar liri Maltin (LM10) kulljum fin-nuqqas, u stante li l-appellant qed jigi dikjarat li huwa hati tal-ewwel,

it-tielet u r-raba imputazzjonijiet fuq imsemmija , reati li saru matul il-periodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-sentenza tas-17 ta’ Marzu, 2004, liema Qorti hija differenti minn din li issa qed tiddeciedi din il-kawza mill-gdid, wara li annullat is-senternza appellata, tibghat lill-appellant quddiem dik l-istess Qorti li ghandha, kemm jista’ jkun malajr tara li l-appellant jingieb quddiemha w tittratta mieghu – jekk jidhrilha xieraq – ghaz-**zewg** reati li taghhom kienet sabitu hati fl-imsemmija sentenza u li dwarhom kienet saret l-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata b’ kull mod li setghet tittratta mieghu li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta’ dawk iz-zewg reati, kif jipprovdi l-artikolu 23 (1) (b) tal-Kap.446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------